MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2006

Numru. 448/2003

PULIZIJA
SPETTUR SIMON GALEA
SPETTUR RAMON MERCIECA
VS
ANTHONY CARUANA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Caruana, ta’ 46 sena, imwieled Qormi fid-19 t’Ottubru 1956, bin Nazzarenu u Mary nee’ Zammit, u residenti 51B, Orthensia, Triq il-Manikata, Mellieha, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 713256(M), u akkuzat talli fl-24 ta’ Dicembru 2001 ghal habta tat-tmienja ta’ filghaxija, waqt li kien qed isuq vettura b’numru tar-registrazzjoni BBE725 go Triq il-Kosta, Bahar ic-Caghaq l/o Naxxar, b’nuqqas ta’ hsieb jew traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti, ikkaguna l-mewt ta’ Stephanie Caruana ta’ sittax-il sena mill-Manikata.

U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni, u b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Vanessa Caruana mill-Manikata skond  kif iccertifika Dr Michael Spiteri mill-Isptar San Luqa.

U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna hsara nvolontarja fuq Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni SUE005, u dan ghad-detriment ta' Angelo Chircop.

U aktar talli kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Mary Caruana u Neville Delmar, skond kif iccertifikaw Dr Diane Tabone u Dr Stewart Schembri rispettivament.

U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi saq l-istess vettura b'manjiera traskurata, perikoluza u bla kont.

U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura bi 'speed' eccessiv.

F'kaz ta' htija, din il-Qorti kienet mitluba illi tissospendi lill-imputat milli jottjeni jew ikollu licenzja tas-sewqan ghal perjodu li l-Qorti jidhrilha xieraq skond il-ligi.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll li titratta mal-imputat Anthony Caruana li huwa ricediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-Artikli elenkati mill-Avukat Generali, taht liema Artikli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat.

Rat il-verbal tas-16 ta' Frar 2005 fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Simon Galea, a fol 14 et seq, jirrizulta illi **lejliet il-Milied, cioe' fl-24 ta' Dicembru 2001**, fid-disgha neqsin kwart ta' filghaxija, il-Pulizija tan-Naxxar kienu gew infurmati mill-Control Room illi kienet sehhet kollizjoni fi Triq Kosta, Bahar ic-Caghaq, limiti tan-Naxxar. Infatti, Dr Dennis Vella Baldacchino M.D. u Dr Michael Spiteri mill-Isptar San Luqa, kienu nfurmaw lill-Pulizija li certu Stephanie u Vanessa Caruana, involuti f'dan l-incident, **kienu qeghdin fil-periklu tal-mewt.**

Minn indagni li saru mill-Pulizija, irrizulta illi l-imputat Anthony Caruana kien qieghed isuq il-vettura tieghu mill-Qawra lejn San Giljan, St Andrews, fejn skidja u baqa' diehel gol-hajt propjeta' tal-Gvern. F'din l-'skid;, giet involuta wkoll karozza SUE005, misjuqa minn Angelo Chircop illi kien qed isuq fid-direzzjoni opposta, cioe' sejjer lejn il-Qawra.

Vanessa u Stephanie Caruana, li jigu z-zewgt itfal tal-imputat, ittiehdu permezz tal-ambulanza l-Isptar San Luqa flimkien ma' Mary u Anthony Caruana u Neville Delmar. Matul il-lejl, Stephanie Caruana, ta' sittax-il sena, bint l-imputat, tilfet hajjitha. Vanessa Caruana f'dan l-incident garrbet griehi gravi u wegghet ukoll Mary Caruana u Neville Delmar, kif del resto garrab griehi wkoll l-istess imputat.

L-Ufficjal Prosekutur esebixxa c-certifikati SG, SG1-3, u okkorrenza dokument SG4. L-Ufficjal Prosekutur xehed ukoll illi gie a konjizzjoni tieghu illi l-imputat hallas ghall-ispejjez kollha inkorsi fil-kollizjoni msemmija kif jidher mir-ricevuta esebita dokument SG5 minn fol 29-45. Gew esebiti s-sentenzi tal-24 t'April 1996 (ara dokument SG7 a fol 47, u SG6 a fol 46).

Dr Ali Salfraz, a fol 49-51 fil-process verbal anness ma' dawn l-atti, ikkonferma l-'post mortem report' li wettaq fuq Stephanie Caruana.

Bl-istess manjiera, PS 964 Robert Scicluna kkonferma r-ritratti esebiti a fol 12 et seq tal-process verbal.

Il-Perit Richard Aquilina kkonferma r-relazzjoni u l-pjanta minnu esebiti fil-process verbal, u l-espert Joseph Zammit, a fol 55, ikkonferma r-relazzjoni tieghu kontenuta fil-process verbal.

Spettur Raymond D'Anastasi, ikkonferma l-identita' tal-imputat rigwardanti s-sentenza dokument SG7 (ara fol 57).

PS 977 Joseph Zammit, xehed illi huwa acceda fuq il-post fejn giet irrapurtata l-kollizjoni mertu tac-citazzjoni, fl-24 ta' Dicembru 2001 ghal habta tad-disgha neqsin kwart. Hemmhekk sabu zewg vetturi, SUE005 misjuqa minn Angelo Chircop u vettura tal-imputat bin-numru BBE725. Gie nfurmat illi kienu ttiehdu hames persuni l-isptar, kollha passiggieri fil-vettura BBE725, waqt illi fil-vettura ta' Angelo Chircop, hadd ma kien wegga'. Esebixxa dokument PS u kkonferma l-okkorrenza SG4.

Is-Surgent Zammit xehed illi wara li ha l-kejl fuq il-post tal-incident, huwa acceda lejn l-isptar fejn gie nfurmat illi wahda mill-persuni mwegga' kienet fil-periklu tal-mewt. Kif wasal l-isptar pero' gie nfurmat illi Vanessa u Stephanie Caruana kienu qeghdin fil-periklu tal-mewt, waqt illi Mary Caruana, l-imputat Anthony Caruana u Neville Delmar kienu garrbu griehi ta' natura hafifa. Ghal habta ta' nofs il-lejl neqsin kwart, kien gie nfurmat minn Dr Vella Baldacchino illi Stephanie Caruana kienet mietet.

Angelo Chircop, a fol 61, xehed:

**'Kont niezel in-nizla ta' Bahar ic-Caghaq minn St Andrews, u bdiet niezla x-xita rxiex, l-art kienet tizloq hafna. Kif qisu ghaddew tlett minuti, rajt karozza gejja,**

**habtet mal-bankina, telghet, immullat lura, bdiet tispinnja fin-nofs, jien waqaft, waqaft totalment. F'hin minnhom qabad miexi la genba, habat mieghi, tela' l-hajt, nizel fuq il-bonnet, rajt lilu hiereg minn gol-windscreen, u mbaghad qalli t-tfal. Jien hsibthom tfal zghar dak il-hin fid-dlam ghax ma rajthomx fid-dlam, u sibt lit-tifla tieghu, it-tifla l-ohra, lill-mara u kien hemm xi gharus tat-tifla ghandi jkun'.**

A fol 62, Chircop jghid illi ra l-karozza tispinnja xi tlett darbiet. Wara li spiccat tispinnja, qabdet id-direzzjoni dijagonali tant illi d-daqqa garrabha fil-bieba ta' wara u fuq ir-rota fuq il-genb tieghu. Angelo Chircop xehed illi dakinhar huwa kien qieghed bil-hamest itfal tieghu, kellu kwadruplets u t-tifel il-kbir, u kien qieghed mal-mara tieghu Suzanne. Angelo Chircop xehed illi bl-impatt, l-imputat Caruana ghadda minn gol-'windscreen' ghal fuq il-'bonnet' u spicca bejn il-hajt u l-vann tieghu. Angelo Chircop ikkonferma x-xhieda a fol 28 u 29 tal-process verbal, illi huwa ta quddiem l-esperti nominati fl-inkjesta.

Angelo Chircop ikkonferma, a fol 66, illi l-karozza habtet mal-bankina u mbaghad bdiet tiskiddja. Angelo Chircop xehed illi fuq in-naha tal-karreggjata tal-imputat ma kienx hemm traffiku. Huwa afferma wkoll illi meta huwa ra l-karozza tal-imputat tolqot il-bankina, din il-bankina kienet fuq il-karreggjata tal-imputat.

Spettur Simon Galea, a fol 76, ipprezenta estratt mic-certifikat tal-mewt ta' Stephanie Caruana li gie esebit bhala dokument SG8 a fol 77.

Mary Caruana, a fol 78, ghazlet li tixhed u kkonfermat illi kienet ma' zewgha fil-karozza fl-incident li sehh lejliet il-Milied tas-sena 2001, u li kienu hergin bhala familja, inzertat li bdiet taghmel xi xita hafifa, u f'daqqa minnhom, ir-ragel taghha qalilha **'rajtha l-karozza Mary kif ghamlet u skidjat'**. Mary Caruana xehdet illi ezatt wara dan il-kliem, gara l-incident. Mary Caruana kkonfermat illi l-karozza taghhom bdiet tperper minn banda ghal ohra tat-triq, bdiet iddur u mbaghad semghet il-hgieg jinkisru u gew man-naha l-ohra tat-triq. Mary Caruana kkonfermat

illi hija kienet bilqeghda fuq in-naha tal-‘passenger seat’ u li warajha kien hemm Stephanie, fin-nofs kien hemm Vanessa u fit-tarf l-iehor kien hemm il-‘boyfriend ta’ Vanessa, Neville. Ikkonfermat illi l-kollizjoni grat lejn it-Torri tal-Ghallis fil-kurvatura tat-triq. Mistoqsija fuq l-‘speed’, Mary Caruana ma setghetx tikkonferma stante illi hija ma ssuqx, pero’ xehdet illi kienet ‘speed’ tal-karozzi li kien hemm quddiemhom ghaliex kulhadd kien miexi wara xulxin.

Mary Caruana ssostni illi l-ewwel il-karozza taghhom dahlet f’karozza ohra u mbaghad dahlet gol-hajt. Mary Caruana xehdet illi hija u l-familja taghha kienu sejrin l-ikla ta’ lejliet il-Milied ir-Radisson u ma kinux mghagglin. Xehdet illi f’dan l-incident, kienet mititilha t-tifla u li kieku ma kinitx konvinta li dak li gara kien incident, certament ma kinitx ser tahfer lir-ragel taghha. Mary Caruana xehdet illi hadd ma ddisturba l-attenzjoni tar-ragel taghha, li ma kien hemm l-ebda tilwim fil-karozza u certament li r-ragel taghha ma kienx xorob f’dik il-gurnata (ara fol 83).

Vanessa Caruana, a fol 84, ghazlet li tixhed u xehdet illi minhabba l-incident, hija kellha ‘amnesia’ u ma tiftakarx kollox. Xehdet illi dakinhar kien qed isuq missierha, kienu qabzu l-Coastline Hotel u xehdet illi hija sofriet diversi ksur f’gisimha fosthom fratturi ta’ sitt kustilji fuq in-naha tax-xellug, u ksur ta’ kustilja ohra fuq in-naha tal-lemin, u kellha l-pulmun mifqugh. Iddahlet l-isptar mitlufa minn sensiha u ma tafx illi kienet fl-ITU u lanqas tiftakar li kienet l-HDU. Ikkonfermat ix-xhieda li kienet tat lill-espert Joseph Micallef Stafrace a fol 32 tal-process verbal. Vanessa Caruana xehdet illi qabel l-incident tiftakar li kienu mexjin fit-traffiku u kienu mexjin bi ‘steady speed’ wara l-karozzi (ara fol 87).

A fol 104, Dr Diane Tabone kkonfermat ic-certifikat esebit a fol 22 tal-process, u kkonfermat illi l-griehi ta’ Mary Caruana kienu ta’ natura hafifa.

Luciano Caruana, rapprezentant ta’ Fogg Insurance, a fol 107, ikkonferma li l-imputat kien inxurjat mal-kumpanija taghhom ‘third party only’ u illi l-kumpanija taghhom

hallset is-somma ta' tlett elef disa' mija u tlieta u tletin Lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm3933.53) lil certu Chircop li kien ghamel il-'claim'. Luciano Caruana esebixxa l-'insurance policy' a fol 111, il-'motor accident report form' u r-ricevuta tal-hlas minn fol 111-116.

Il-Qorti rat il-verbal tad-Difiza, a fol 100 tal-process, fejn l-istess Difiza accettat ix-xhieda ta' Neville Delmar u Suzanne Chircop moghtija fil-process verbal minn fol 29-31, rapporti ta' Professura Maria Theresa Camilleri a fol 49 tal-process verbal, u ghar-relazzjoni kongunta ta' Dr Joseph Micallef Stafrace u Joseph Zammit a fol 18-39.

Id-Difiza accettat is-sentenza esebita a fol 46 bhala wahda li nghatat fil-konfront tal-imputat, u ezentat lill-Prosekuzzjoni mill-prova tal-identita', u ghar-rigward tac-certifikati medici a fol 19 u 20, id-Difiza ddikjarat illi kienet qed taccetta l-kontenut tac-certifikati u ezenta lill-Prosekuzzjoni mill-htiega illi tressaq it-tobba sabiex jikkonfermaw il-kontenut.

In oltre, id-Difiza ddikjarat illi l-karozza BBE725 kienet propjeta' tal-imputat fil-gurnata tal-allegat incident, u li l-vettura SUE005 kienet registrata fuq Angelo Chircop, u ghaldaqstant il-Prosekuzzjoni giet ezentata milli tressaq din il-prova.

A fol 31 tal-process verbal, Neville Delmar xehed illi huwa kien passiggier fuq wara tal-karozza dakinhar tal-incident u mieghu fis-'seat' ta' wara kien hemm Stephanie Caruana u l-gharusa tieghu Vanessa. Huwa kkonferma illi kienu ghaddejjin fuq il-Coast Road, direzzjoni ta' St Andrews biex imorru r-Radisson ghall-ikla, ghaddew ir-rokna fejn jinbiegh il-haxix, u mbaghad wara dan l-unika haga li jiftakar hu li sab ruhu fuq 'stretcher' u baghtuh dritt l-Emergenza tal-Isptar San Luqa. Fuq kif gara l-incident ma ftakar xejn, jaf illi f'xi hin fl-Emergenza ra lil Anthony Caruana jibki u qallu li kienet mititlu t-tifla z-zghira. Xehed illi huwa kien inzamm lejl l-isptar ghal osservazzjoni.

Anthony Caruana l-imputat xehed a fol 132, ikkonferma li kien ghaddej bi 'speed' ta' 25 miles per hour u li kif qorbu

t-Torri tal-Ghallis, kien hemm karozzi kemm quddiemu u kif ukoll warajh u l-art kienet bi zlieq. Xehed illi **'il-car hassejtha titbandalli minn warajja, jien naqqast l-speed, wara dan ma nafx x'gara.'**

L-imputat a fol 137 xehed quddiem din il-Qorti, u qal illi dak il-lejl kien hareg bil-familja u kienu sejrin ghall-ikla ta' lejliet il-Milied ir-Radisson, li kienu ghaddejjin mill-Qawra lejn St Andrews u wara li ghaddew it-Torri tal-Ghallis, huwa hass il-karozza sserrep, informa lill-familja b'din l-'skid' u naqqas l-'speed' tal-karozza. L-imputat jghid illi wara t-Torri tal-Ghallis hemm 'blind corner' u t-triq tinklina u li kif qabad idur il-liwja, il-karozza tieghu daret fil-lat oppost u ghalqet it-triq u dahlet fil-hajt. L-imputat jghid a fol 143 illi huwa lanqas kien konsapevoli tal-fatt illi l-Peugeot kienet sussegwentement habtet fil-karozza tieghu ghaliex kien mitluf minn sensih.

A fol 145A, l-imputat, in kontro ezami, jghid illi huwa ghandu d-delizzju li jara l-karozzi tat-tigrijiet u sostna illi l-'speed' tieghu kien bejn 25 u 30 miles per hour, u li kien hemm it-traffiku u l-karozzi kienu kollha mexjin wara xulxin, ma kienx hemm 'traffic jam' pero' kien hemm 'continuous traffic' u kulhadd miexi wiehed wara l-iehor. L-imputat gie muri r-ritratti O1CBB101-107 u kkonferma l-pozizzjoni tieghu kif dehret fir-ritratti. L-imputat xehed illi kien certissimu li kien ghaddej bejn 25 u 30 miles per hour u kif hi skidjat il-karozza l-ewwel darba, huwa naqqas l-'speed' (ara xhieda a fol 147).

Mitlub jghid l-'speed' tal-karozza illi dahlet fuqu, cioe' l-Peugeot, l-imputat jghid illi huwa ma rax il-karozza Peugeot diehla fuqu u ma jaf b'xejn minn dan. Mistoqsi jekk is-sekwenza kinitx jekk huwa skidja, dahal fil-hajt u mbaghad il-Peugeot baqghet diehla go fih, l-imputat jghid li jista' jkun li hekk graw l-affarijiet pero' ma setax jiftakar ghaliex huwa kien intilef minn sensih.

PC 1037 Richard Ciappara, xehed illi huwa kien ghaddej lejliet il-Milied fil-Coast Road, kien sejjer ghax-xoghol f'xit-tmienja u nofs, jiftakar li kienet niezla x-xita u kien hemm 'traffic jam' kbir, kemm ghall-karreggjata illi kienet taghti

ghal San Giljan u kif ukoll ghal dik sejra lejn Bugibba. Xehed illi meta qorob it-Torri tal-Ghallis, beda jara l-karozzi ta' quddiemu b'hafna 'brake lights' f'salt, u ghaldaqstant, huwa qabez il-karozzi u sab il-karozzi mahbuta u jidher illi l-incident kien ghadu kif sehh.

PC 1037 xehed illi t-tifla tal-imputat kienet gravi hafna u cemplu ghall-assistenza. Rigward tat-traffiku, PC 1037 xehed illi t-traffiku kien qieghed **'bhal meta jkun nhar ta' Hadd, qisu kif taqbad tghid, qisu tul ta' karozza u nofs'**. PC 1037 xehed illi huwa kien vicin hafna tal-incident u kien fuq il-post fi ftit sekondi. L-imputat sar jafu minn wara l-incident.

Ikkunsidrat:-

L-imputat gie akkuzat ai termini tal-Artiklu 225 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi ghal reat ta' omicidju nvolontarju:

*'Kull min b'nuqqas ta' hsieb jew bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' xi hadd.'*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Pulizija vs Perit Louis Portelli, deciza fl-4 ta' Frar 1961 kienet qalet is-segwenti:

*'Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-Artiklu 239 (illum 225) tal-Kodici Kriminali, illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti - konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), traskuragni (negligenza) jew ta' hila (imperizia), fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju.'*

Fis-sentenza Il-Pulizija vs Joseph Attard u Emanuel Mercieca, deciza mill-Appell Kriminali fil-31 ta' Jannar 1983, dik il-Qorti tkompli tfisser:

*‘Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f’kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma’ dik ta’ persuna li s-sapjenza umana identifikat mal-bonus pater familias; dik il-kondotta cioe’ illi f’kaz konkret, kienet tigi wzata minn persuna ta’ ntelligenza, diligenza u sensibilita’ normali; kriterju dan li filwaqt li jservi ta’ gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallih, fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz komkret; la diligenza del buon pater di familia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al guidice la liberta’ di valutazione. (vide Giorgi-Teoria delle Obbligazioni Vol 2, 27P.46).*

Infatti, Sir Anthony Mamo fin-nota tieghu dwar il-ligi fil-kamp kriminali, u b’referenza ghal omicidju nvolontarju jghid is-segwenti:

*‘They show a subjective attitude of the offender towards his acts and their consequence, thus preventing him from acquiring foresight and consciousness of them and but for which could have acquired such foresight and consciousness…when the law requires in order that punishment may be inflicted that the event should have been caused by negligence or imprudence, it means that the objective or material causation is not enough but that an enquiry has to be made into the mental attitude of the doer, in order to ascertain whether his mind was at fault in failing to appreciate and therefore to guard against the harmful consequences of his act.(Lectures in Criminal Law page 69 and 70).’*

Fil-kaz Il-Pulizija vs John Vella, deciz fil-15 ta’ Frar 1958, il-Qorti tal-Appell Kriminali stabbiliet is-segwenti:

*‘Infatti d-definizzjoni klassika tal-kulpa kriminali tibqa’ dik moghtija mill-Carrara (volume 1 parte generale) b’dawn il-kliem:*
*‘La volontaria ommissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibili e prevedibili del proprio fatto’ (para 80 page 114).’*

*Dan l-awtur ikompli jghid illi tkun xi tkun id-definizzjoni tal-kolpa fil-kriminal:*

*'il tripode sul quale si assiede la colpa sara' sempre questo:*
*(1) volontarieta dell'atto*
*(2) mancata previzione dell'effetto nocivo*
*(3) possibilita' di prevedere.'*
*L'Arabia – Princip. Dir.Pen.p.128 et seq – isegwi t-tejorija tal-kolpa tad-Dritt Ruman li fih ukoll kien jinghad illi 'quando il danno avveniva oltre quello che potevassi umanamente prevedere, era un infortunio non punibile: vi era colpa se vi era possibilita' di prevederla.'*

B'dan kollu stabbilit, din il-Qorti sejra tghaddi issa biex tezamina l-kaz li ghandha quddiemha.

Jidher b'mod abbastanza car illi l-Prosekuzzjoni serrhet dan il-kaz b'mod konkret fuq il-konkluzjonijiet raggunti mill-espert Dr Joseph Micallef Stafrace flimkien ma' Joseph Zammit. Dawn il-konkluzjonijiet jinstabu a fol 24 u 25 tal-process verbal. Fil-qosor, dawn il-konkluzjonijiet huma fis-sens illi:
(1) sewwieq ta' vettura jrid jirregola s-sewqan tieghu skond ic-cirkostanzi ambjentali ta' fejn ikun qed isuq
(2) illi l-istess imputat jghid illi dak il-hin tal-incident, l-art kellha z-zlieq u li l-Escort bdiet tiskiddja u li ma attribwixxa l-ebda tort lil Chircop li kien qed isuq il-Peugeot
(3) li x-xena tal-incident kienet turi impatt bi vjolenza u sahha notevoli allura quindi l-imputat kien ghaddej bi 'speed' qawwi, u ghaldaqstant kien qieghed taht 'self inflicted incapacity' meta gara l-incident
(4) illi kien hemm evidenza ta' sewqan b'manjiera traskurata pero' mhux addirittura perikoluz.

Din il-Qorti fliet bir-reqqa l-konkluzjonijiet taz-zewg esperti fl-isfond tac-cirkostanzi u tal-provi kollha ta' dan il-kaz.

Il-fatti speci tal-kaz jikkonfortaw dawn il-konkluzjonijiet raggunti mill-esperti?

Din il-Qorti kellha l-opportunita' tara u tevalwa x-xhieda pricinpali ta' dan il-kaz sfortunat. Hemm xhieda konsiderevoli li jghidu illi l-imputat kien ghaddej fit-triq f'serbut ta' traffiku miexi 'at a steady speed' meta bdiet traxxax ix-xita. L-imputat jghid illi kien ghaddej bi 'speed' ta' 25 30 miles an hour. Is-sewwieq tal-Peugoet, Chircop, jghid illi meta ra l-karozza tal-imputat, din kienet qed tisserpja, u cioe' kienet diga' qeghda tiskiddja, pero' f'ebda hin ma jghid li rah ghaddej b'xi 'speed' eccessiv. Li ra x-xhud Chircop, kien illi l-imputat kien diga' tilef il-kontroll tal-karozza tieghu.

Ix-xhieda l-ohra tal-incident, u cioe' Vanessa Caruana u Mary Caruana, it-tnejn jghidu illi l-imputat kien ghaddej bi 'speed' normali. In oltre, l-imputat jghid illi appena skidjatlu l-karozza l-ewwel darba, filfatt naqqas l-'speed'. Dak illi l-esperti naqsu li japprezzaw huwa l-fatt illi wara l-liwja tat-Torri tal-Ghallis, ftit 'l isfel ezattament fejn gara l-incident, it-triq tinklina, u ghaldaqstant jekk il-karozza tiskiddja f'dak il-mument, hija ser taqbad l-'speed' bil-'momentum' tal-gravita' stess.

In oltre, ghalkemm din il-Qorti rat ir-ritratti li juru l-istat imwiegher tal-karozza Escort tal-imputat, dan ma jfissirx illi l-istat ta' dik il-karozza kienet b'rizultat ta' 'speed' eccessiv originali. Dan ghaliex hemm evidenza ta' xhieda okulari li qalu u kkonfermaw illi l-karozza tal-imputat l-ewwel habtet mal-bankina, bdiet tisserpja u titlef il-kontroll, spinjat tlett darbiet, habtet fil-karozza Peugoet u mbaghad baqghet diehla fil-hajt.

Illi l-konkluzjoni ghalhekk tal-esperti Micallef Stafrace u Zammit li:

**'mela allura skidjatura segwita minn habta ta' certu entita' u allura skidjatura li twassal ghal habta ta' entita' zghira jew traskurabbli, tat-tieni tista' tkun semplici causus tal-ewwel wiehed ma jistax ihares lejha b'dan il-mod ghax skidjatura li tisvolgi ruhha b'dan il-mod tkun preceduta minn 'speed' manifestament imprudenti f'dawk ic-cirkostanzi'**, logikament ma jregix ghaliex il-hsarat illi garrbet l-Escort

f’dan l-incident, mhux necessarjament u ndubitament grat minhabba ‘speed’ eccessiv kif sostnew l-esperti.

Infatti, ix-xhieda ta’ PC 1037, jelimina dan l-‘speed’ eccessiv. PC 1037 Richard Ciappara kien filfatt maqbud f’dan is-serbut ta’ traffiku ghaliex kien sejjer ghax-xoghol, kien maqbud f’dan is-serbut ta’ traffiku ftit sekondi qabel ma’ gara l-incident, ghaliex filfatt ra l-konsegwenza ta’ repetizzjoni ta’ ‘brake marks’ fit-traffiku ‘l quddiem minnu, li ndikaw il-kollizjoni, u f’temp ta’ ftit sekondi ghax kien qieghed fuq mutur, oltre passa u lahaq l-incident.

Illi in oltre, jekk kemm-il darba wiehed jiskidja fi triq lixxa (cioe’ minghajr inklinazzjoni) - apparti li wiehed xorta jitlef il-kontroll tal-karozza u wiehed ma jkun jaf qatt kif ser tigih - wiehed jippretendi li ma jkunx hemm awment tal-‘speed’. Dan huwa kompletament divers jekk kemm-il darba l-iskidjatura tigri meta t-triq tkun f’inklinazzjoni. Meta dan jigri u t-triq tifforma nizla, anke jekk wahda bi ‘gradient’ baxx, ser jkun hemm accellerazzjoni tal-‘speed’ u l-konsegwenti telf tal-kontroll tal-karozza se tkun ferm aghar.

Illi ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma illi ma tistax in koxxenza tilqa’ l-konkluzjonijiet tal-esperti f’dan il-kaz.

Ix-xhieda f’dan il-kaz turi illi l-imputat kien ghaddej bi ‘speed’ ta’ 25 30 miles an hour, u li ma’ l-ewwel skidjatura naqqas dan l-‘speed’. Illi dan l-‘speed’, f’dawk ic-cirkostanzi, cioe’ rxiex ta’ xita hafifa fuq il-Coast Road li hija wahda mit-triqat li tista’ tissejjah arterja principali tat-traffiku, certament ma kienx ‘speed’ **‘manifestament imprudenti f’dawk ic-cirkostanzi’**.

Illi in oltre irid jinghad illi kif niente di meno affermaw l-istess esperti, li meta vettura tiskidja, is-sewwieq jitlef kontroll momentarja taghha. Jekk wiehed jitlef il-kontroll tal-vettura, is-sewwieq ma ghandu assolutament l-ebda kontroll fuq l-istess vettura u fejn u ma’ xiex din l-istess vettura ser tahbat. Illi jekk vettura fl-iskidjatura tahbat ma’ diversi oggetti bhal f’dan il-kaz in ezami, fejn l-ewwel habtet mal-bankina, imbaghad habtet ma’ karozza ohra u

spiccat imkahhla ma' hajt, wiehed ghandu jirravvisa hsarat kbar u serji fuq tali karozza. Il-manjiera ta' kif u ma' xiex habtet din il-karozza jirrizulta minn xhieda okulari ndipendenti mix-xhieda tal-imputat jew mill-membri tal-familja tieghu. Din ix-xhieda tirrizulta minn **Angelo Chircop li kien qed jara l-izvilupp ta' din l-'skid' mill-karozza tieghu illi mbaghad giet involuta fl-incident**.

Illi nfatti, il-Qorti tal-Appell, fis-sentenza tat-3 ta' Marzu 1958, in re D'Amato vs Camilleri qalet hekk:

*'Il-kolpa fil-kaz ta' fatt dannuz li minnu torigina l-azzjoni akwiljana, tavvera ruhha filli wiehed jaghmel att volontarjament u jonqos li jipprevedi dak l-effett. Il-previdibilita', bhala distinta mill-previzjoni, isservi biex tiddetermina l-kolpa mid-dolo u l-konkors taghha jiddifferenzja l-kolpa mill-kaz fortuwitu li hu kostitwit mill-att imprevedibbli u inevitabbli.'*

Illi din il-Qorti temmen illi l-imputat Caruana kien ghaddej bi 'speed' addattat fic-cirkostanzi, kien ha l-prekawzjonijiet biex inaqqas l-'speed' wara l-ewwel 'skid', u dak li gara certament kien incident sfortunat.

Illi in oltre ma jistax ma jinghadx illi l-imputat f'dan l-incident awtomobilistiku, tilef tifla ta' sittax-il sena, kellu tifla ohra f'periklu tal-mewt, apparti l-griehi hfief fuq martu u fuq l-gharus tat-tifla tieghu u fuqu nnifsu. Ebda Qorti ma tista' tinfliggi piena fuq l-imputat izjed minn dak li huwa ser igorr mieghu ghal hajtu minkejja illi dan kien incident imprevedibbli u inevitabbli.

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati skond l-akkuzi u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------